# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha 22 ta’ Mejju tas-sena 2002.**

**Numru 27**

**Avviz numru 862/01/SM**

**Aquatess Limited**

**vs**

**Emanuel Portelli**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-10 ta’ Ottubru tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta’ attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas is-somma ta’ LM1929.22,0 (elf disa mija u disa u ghoxrin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmi) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lilu;**

2. **Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Mejju 2001, 18 ta' Gunju 2001 u 13 ta' Lulju 2001, u bl-imghax tat-8% fuq LM1929.22,0 mit-22 ta' Mejju 2001 sal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-8 ta' Frar tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi in linea preliminari u minghajr ebda pregudizzju ghal li gej, l-eccipjent jecepixxi illi, in kwantu ghal dik il-merkanzija mibjugha u ikkonsenjata mis-socjeta' attrici sabiex tinbiegh mill-Marsa Sports Club, il-gudizzju m'hux integru stante illi l-azzjoni attrici kellha tigi diretta wkoll fil-konfront ta' certa Chris Tabone li huwa sieheb l-eccipjent fil-kummerc fil-Marsa Sports Club;**

2. **Illi wkoll in linea preliminari u minghajr ebda pregudizzju ghal li gej, l-eccipjent jecepixxa illi, in kwantu ghal dik il-merkanzija mibjugha u ikkonsenjata mis-socjeta' attrici sabiex tinbiegh mill-Istadium Nazzjonali ta' Ta' Qali, il-gudizzju m'hux integru stante illi l-azzjoni kellha tigi diretta wkoll fil-konfront ta' certa Philip Galea li huwa sieheb l-eccipjent fil-kummerc fl-Istadium Nazzjonali ta' Ta' Qali;**

3. **Illi l-eccipjent jecepixxi illi l-merkanzija mibjugha u ikkonsenjata lilu mis-socjeta' attrici ma kienitx tal-kwalita' pattwita bejn il-partijiet u ma setghetx tinbiegh hekk kif ser jkollu l-opportunita' illi jipprova l-istess eccipjent waqt l-trattazzjoni tal-kawza odjerna;**

4. **Illi fi kwalunkwe kaz, l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici m'hux dovut mill-eccipjent;**

5. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permess mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet lill-partijiet involuti jittrattaw oralment;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sisntetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi s-socjeta’ attrici hija socjeta’ fornitrici ta’ diversi prodotti;**

2. **Illi kif jidher mid-dokumenti minnha prodotti fl-atti ta’ din il-procedura a fol 18 sa 35 din is-socjeta’ forniet lill-konvenut merkaznija fl-ammont komplessiv ta' elf disa’ mija u disa’ u ghoxrin Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu, (LM1,929.22,0), f’diversi postijiet gestiti mill-konvenut odjern fuq ordnijiet specifici tieghu;**

3. **Illi ghalkemm saru diversi tentattivi jirrizulta li s-socjeta’ attrici baqghet ma thallsitx kif dovut;**

4. **Illi l-uniku difiza li gab il-konvenut hi biss li mir-“records” tieghu l-ammont dovut ma jirrizultax;**

5. **Illi da parti taghha s-socjeta’ attrici tikkonferma li l-ordnijiet dejjem saru mill-konvenut personalment u konsenji tal-merkanzija dejjem saret skond l-ordni tieghu;**

6. **Illi sallum il-konvenut ghadu ma ghamilx tajjeb ghal din il-merkanzija u konsegwentement kellha tinfetah il-procedura odjerna;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi din il-qorti hi sodisfatta li mix-xhieda prodotta t-talba taghha hi abbundantement ipprovata;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-tabiet attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut Emanuel Portelli biex ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ elf, disa’ mija u disa’ u ghoxrin Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu,**

**(LM1,929.22,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mid-data ta’ l-ittra ufficcjali tat-22 ta’ Mejju tas-sena 2001.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**